2026/1032

18.5.2026

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2026/1032

tat-23 ta' April 2026

dwar il-konsistenza tal-miri ta' prestazzjoni inklużi fl-abbozz rivedut tal-pjan ta' prestazzjoni mressaq mill-Greċja skont ir-Regolament (KE) Nru 549/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill mal-miri ta' prestazzjoni għall-Unjoni kollha għar-raba' perjodu referenzjarju tal-iskema ta' prestazzjoni u ta' imposti tal-Ajru Uniku Ewropew

(notifikata bid-dokument C(2026) 2556)

(It-test bil-Grieg biss huwa awtentiku)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 549/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2004 li jippreskrivi l-qafas għall-ħolqien tal-Ajru Uniku Ewropew (ir-Regolament qafas) ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 11(3)(c) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2024/2803 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2024 dwar l-implimentazzjoni tal-Ajru Uniku Ewropew ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 58(3) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/317 tal-11 ta' Frar 2019 li jistabbilixxi skema ta' prestazzjoni u imposti fl-Ajru Uniku Ewropew u li jħassar ir-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 390/2013 ([3]) u (UE) Nru 391/2013, u b'mod partikolari l-Artikolu 15(1) u (2) tiegħu,

Billi:

KUNSIDERAZZJONIJIET ĠENERALI

(1) Skont l-Artikolu 11 tar-Regolament (KE) 549/2004, l-Istati Membri jridu jfasslu pjanijiet, fil-livell nazzjonali jew fil-livell tal-blokok ta' spazju tal-ajru funzjonali ("FABs"), li jinkludu miri ta' prestazzjoni, għal kull perjodu referenzjarju tal-iskema ta' prestazzjoni u imposti għas-servizzi ta' navigazzjoni bl-ajru u għall-funzjonijiet tan-network. Dawk il-pjanijiet iridu jinkludu miri ta' prestazzjoni lokali li huma konsistenti mal-miri ta' prestazzjoni għall-Unjoni kollha għall-perjodu referenzjarju kkonċernat.

(2) Fit-12 ta' Ġunju 2024, il-Kummissjoni adottat il-miri ta' prestazzjoni għall-Unjoni kollha għar-raba' perjodu referenzjarju ("RP4", 2025–2029). Dawk il-miri ta' prestazzjoni għall-Unjoni kollha ġew stabbiliti fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/1688 ([4]).

(3) Fl-1 ta' Ottubru 2024, il-Greċja ressqet lill-Kummissjoni abbozz tal-pjan ta' prestazzjoni għall-RP4. Wara l-verifika tal-kompletezza ta' dak l-abbozz tal-pjan ta' prestazzjoni mill-Kummissjoni, il-Greċja ressqet abbozz aġġornat tal-pjan ta' prestazzjoni ("l-abbozz tal-pjan ta' prestazzjoni") fil-15 ta' Novembru 2024.

([1]) ĠU L 96, 31.3.2004, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2004/549/oj.
([2]) ĠU L, 2024/2803, 11.11.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2803/oj.
([3]) ĠU L 56, 25.2.2019, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2019/317/oj.
([4]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/1688 tat-12 ta' Ġunju 2024 li tistabbilixxi l-miri ta' prestazzjoni għall-Unjoni kollha għan-network tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru għar-raba' perjodu ta' referenza mill-1 ta' Jannar 2025 sal-31 ta' Diċembru 2029 (ĠU L, 2024/1688, 17.6.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_impl/2024/1688/oj).

(4) Il-Kummissjoni sabet li l-miri tal-kapaċità stabbiliti mill-Greċja fl-abbozz tal-pjan ta' prestazzjoni ma jissodisfawx il-kriterji ta' valutazzjoni stabbiliti fil-punt 1.3 tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/317 u li l-miri tal-kosteffiċjenza għaż-żona tal-imposti *en route* tal-Greċja ma jissodisfawx il-kriterji ta' valutazzjoni stabbiliti fil-punt 1.4 tal-Anness IV ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni. Għaldaqstant, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-miri ta' prestazzjoni tal-kapaċità u tal-kosteffiċjenza inklużi fl-abbozz tal-pjan ta' prestazzjoni mhumiex konsistenti mal-miri ta' prestazzjoni għall-Unjoni kollha għall-RP4 u, fis-16 ta' Mejju 2025, innotifikat lill-Greċja b'dan permezz tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/1040 ([5]). F'dik id-Deċiżjoni, il-Kummissjoni ħarġet rakkomandazzjonijiet lill-Greċja bil-ħsieb li tiżgura l-konsistenza tal-miri ta' prestazzjoni tagħha mal-miri ta' prestazzjoni għall-Unjoni kollha għall-RP4.

(5) Fis-7 ta' Awwissu 2025, il-Greċja ressqet abbozz rivedut tal-pjan ta' prestazzjoni għall-RP4 għall-valutazzjoni mill-Kummissjoni. Wara l-verifika tal-kompletezza ta' dak il-pjan, il-Greċja ressqet verżjoni aġġornata tal-abbozz rivedut tal-pjan ta' prestazzjoni (l-"abbozz rivedut tal-pjan ta' prestazzjoni") fit-3 ta' Ottubru 2025.

(6) F'konformità mal-Artikolu 15(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, il-Kummissjoni vvalutat il-konsistenza tal-miri ta' prestazzjoni lokali inklużi fl-abbozz rivedut tal-pjan ta' prestazzjoni abbażi tal-kriterji ta' valutazzjoni stabbiliti fil-punt 1 tal-Anness IV ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni, filwaqt li qieset iċ-ċirkostanzi lokali.

(7) Il-Kummissjoni kkomplementat il-valutazzjoni tagħha tal-abbozz rivedut tal-pjan ta' prestazzjoni b'rieżami tal-elementi stabbiliti fil-punt 2 tal-Anness IV ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni. Madankollu, l-allokazzjoni tal-kostijiet bejn is-servizzi *en route* u s-servizzi fit-terminal imsemmija fil-punt 2.1(d)(vii) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317 hija soġġetta għal rieżami separat mill-Kummissjoni abbażi ta' informazzjoni addizzjonali li waslet mingħand il-Greċja f'Diċembru 2025. Għaldaqstant, f'dan l-istadju, il-Kummissjoni ma waslet għall-ebda konklużjoni rigward il-konformità ta' dik il-metodoloġija tal-allokazzjoni tal-kostijiet mal-punti (e) u (f) tal-Artikolu 15(2) tar-Regolament (KE) Nru 550/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([6]) u mal-Artikolu 22(5) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317.

(8) Il-Bord ta' Analiżi tal-Prestazzjoni ("PRB"), li jassisti lill-Kummissjoni fl-implimentazzjoni tal-iskemi ta' prestazzjoni u ta' imposti skont l-Artikolu 13(2) tar-Regolament (UE) 2024/2803, ressaq lill-Kummissjoni l-opinjoni tiegħu dwar il-miri ta' prestazzjoni inklużi fl-abbozz rivedut tal-pjan ta' prestazzjoni tal-Greċja fir-rigward tal-konsistenza ta' dawk il-miri mal-miri ta' prestazzjoni għall-Unjoni kollha. Is-sejbiet stabbiliti f'din id-Deċiżjoni ġew infurmati mill-valutazzjoni teknika dettaljata stabbilita fl-opinjoni tal-PRB ([7]).

VALUTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

Valutazzjoni tal-miri tas-sikurezza

(9) Fir-rigward tal-qasam ewlieni ta' prestazzjoni tas-sikurezza, il-konsistenza tal-miri inklużi fl-abbozz rivedut tal-pjan ta' prestazzjoni ġiet ivvalutata f'konformità mal-punt 1.1 tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317.

([5]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/1040 tas-16 ta' Mejju 2025 dwar l-inkonsistenza ta' ċerti miri tal-prestazzjoni inklużi fl-abbozzi tal-pjanijiet tal-prestazzjoni tal-blokok tal-ispazju tal-ajru nazzjonali u funzjonali ppreżentati mill-Belġju, mid-Danimarka, mill-Ġermanja, mill-Estonja, mill-Irlanda, mill-Greċja, minn Franza, mil-Latvja, mil-Lussemburgu, min-Netherlands u mis-Slovakkja skont ir-Regolament (KE) Nru 549/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill mal-miri tal-prestazzjoni għall-Unjoni kollha għar-raba' perjodu referenzjarju tal-iskema ta' prestazzjoni u ta' imposti tal-Ajru Uniku Ewropew (ĠU L, 2025/1040, 23.5.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_impl/2025/1040/oj).

([6]) Ir-Regolament (KE) Nru 550/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2004 dwar il-forniment ta' servizzi ta' navigazzjoni tal-ajru fl-ajru uniku Ewropew (ir-Regolament tal-forniment ta' servizz) (ĠU L 96, 31.3.2004, p. 10, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2004/550/oj).

([7]) L-Opinjoni Nru 1–2026 tal-PRB dwar il-valutazzjoni tal-abbozzi riveduti tal-pjanijiet ta' prestazzjoni għar-raba' perjodu referenzjarju (RP4), it-28 ta' Jannar 2026.

(10) Il-miri ta' prestazzjoni fil-qasam ewlieni ta' prestazzjoni tas-sikurezza proposti mill-Greċja rigward l-effettività tal-ġestjoni tas-sikurezza, imqassma skont l-objettiv tal-ġestjoni tas-sikurezza u espressi bħala livell ta' implimentazzjoni, huma kif ġej:

Il-Greċja	**Miri dwar l-effettività tal-ġestjoni tas-sikurezza, espressi bħala livell ta' implimentazzjoni, li jvarjaw mil-livell A sa D tal-EASA**					
Fornitur tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru	**Objettiv tal-ġestjoni tas-sikurezza**	**2025**	**2026**	**2027**	**2028**	**2029**
HASP	Politika u objettivi tas-sikurezza	C	C	C	C	**C**
	Ġestjoni tar-riskju għas-sikurezza	C	C	C	C	**D**
	Aċċertament tas-sikurezza	C	C	C	C	**C**
	Promozzjoni tas-sikurezza	C	C	C	C	**C**
	Kultura tas-sikurezza	C	C	C	C	**C**

(11) Il-Kummissjoni tosserva li l-miri ta' prestazzjoni tas-sikurezza proposti mill-Greċja għall-fornitur tas-servizz ta' navigazzjoni bl-ajru "HASP" huma ugwali għall-miri tas-sikurezza għall-Unjoni kollha għal kull sena kalendarja mill-2025 sal-2029, għajr għall-objettiv tal-"ġestjoni tar-riskji għas-sikurezza" li għalih il-livell tal-mira għall-Unjoni kollha huwa ppjanat li jintlaħaq fis-sena 2029.

(12) Il-Kummissjoni tinnota li l-abbozz rivedut tal-pjan ta' prestazzjoni jistabbilixxi miżuri għall-HASP biex jintlaħqu l-miri tas-sikurezza lokali, bħar-ristrutturar organizzattiv, il-promozzjoni tal-kultura tas-sikurezza, iż-żieda fl-għadd ta' korsijiet ta' taħriġ dwar is-sikurezza, it-titjib tal-iskema ta' valutazzjoni tal-kompetenza għall-esperti tas-sikurezza, il-prova tal-proċeduri ta' emerġenza u r-rieżami tal-kriterji tar-riskju.

(13) Għalhekk, abbażi tas-sejbiet fil-premessi (10), (11) u (12), il-miri ta' prestazzjoni tas-sikurezza lokali inklużi fl-abbozz rivedut ta' prestazzjoni nazzjonali jenħtieġ li jitqiesu konsistenti mal-miri ta' prestazzjoni għall-Unjoni kollha.

Valutazzjoni tal-miri tal-ambjent u rieżami tal-miżuri għall-kisba tagħhom

(14) Fir-rigward tal-qasam ewlieni ta' prestazzjoni tal-ambjent, il-konsistenza tal-miri inklużi fl-abbozz rivedut tal-pjan ta' prestazzjoni rigward l-effiċjenza tat-titjir medja orizzontali *en route* tat-trajettorja reali ġiet ivvalutata abbażi tal-kriterju stabbilit fil-punt 1.2 tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317. Għaldaqstant, il-miri tal-ambjent proposti tal-Greċja tqabblu mal-valuri referenzjarji tal-effiċjenza tat-titjir *en route* orizzontali rilevanti stabbiliti fil-Pjan ta' Titjib tan-Network Ewropew tar-Rotot ("ERNIP"), imfassal f'konformità mal-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/123 ([8]) u disponibbli fiż-żmien tal-adozzjoni tal-miri ta' prestazzjoni għall-Unjoni kollha għall-RP4, jiġifieri fit-2 ta' Lulju 2024.

([8]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/123 tal-24 ta' Jannar 2019 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tal-funzjonijiet tan-network tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru (ATM) u li jħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 677/2011 (ĠU L 28, 31.1.2019, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2019/123/oj).

(15) Il-miri ta' prestazzjoni tal-ambjent proposti mill-Greċja għall-RP4 u l-valuri referenzjarji nazzjonali korrispondenti għall-RP4 mill-ERNIP, espressi bħala l-effiċjenza tat-titjir medja orizzontali *en route* tat-trajettorja reali, huma kif ġej:

Il-Greċja	2025	2026	2027	2028	2029
Miri fil-qasam ewlieni ta' prestazzjoni tal-ambjent, espressi bħala l-effiċjenza tat-titjir medja orizzontali *en route* tat-trajettorja reali	**2,11 %**	**2,08 %**	**2,03 %**	**1,97 %**	**1,93 %**
Valuri referenzjarji	2,11 %	2,08 %	2,03 %	1,97 %	1,93 %

(16) Il-Kummissjoni tosserva li l-miri tal-ambjent proposti mill-Greċja huma ugwali għall-valuri referenzjarji nazzjonali korrispondenti għal kull sena tal-RP4. Abbażi ta' dan, jenħtieġ li l-miri inklużi fl-abbozz rivedut tal-pjan ta' prestazzjoni jitqiesu konsistenti mal-miri ta' prestazzjoni għall-Unjoni kollha fil-qasam ewlieni ta' prestazzjoni tal-ambjent.

(17) F'konformità mal-punt 2.1(a) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, il-Kummissjoni kkomplementat il-valutazzjoni tagħha tal-abbozz rivedut tal-pjan ta' prestazzjoni tal-Greċja b'rieżami tal-miżuri għall-kisba tal-miri tal-ambjent inklużi f'dak il-pjan.

(18) Il-Kummissjoni tinnota li fl-abbozz rivedut tal-pjan ta' prestazzjoni, il-Greċja ppreżentat miżuri biex jintlaħqu l-miri tal-ambjent lokali, li jinkludu l-akkwist ta' sistema ġdida ta' ġestjoni tat-traffiku tal-ajru ("ATM") u l-implimentazzjoni ta' spazju tal-ajru transfruntier b'rotot liberi ma' pajjiżi ġirien.

(19) Fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2025/1040, il-Kummissjoni kkunsidrat li l-Greċja jenħtieġ li ttejjeb il-miżuri għall-kisba tal-miri tal-ambjent tagħha għall-RP4, inkluż billi timpenja ruħha għall-miżuri operazzjonali kollha stabbiliti fl-ERNIP u tħaffef l-implimentazzjoni tal-ispazju tal-ajru transfruntier b'rotot liberi.

(20) Il-Kummissjoni tosserva li fl-abbozz rivedut tal-pjan ta' prestazzjoni tagħha, il-Greċja impenjat ruħha għal żewġ miżuri operazzjonali oħra stabbiliti fl-ERNIP meta mqabbla mal-abbozz tal-pjan ta' prestazzjoni mressaq fl-2024. Dawk il-miżuri operazzjonali huma relatati mal-implimentazzjoni ta' spazju tal-ajru transfruntier imtejjeb b'rotot liberi mal-pajjiżi ġirien. Il-Kummissjoni tilqa' dan l-impenn addizzjonali pprovdut mill-Greċja fl-abbozz rivedut tal-pjan ta' prestazzjoni iżda ttenni wkoll il-fehma tagħha, kif stabbilit fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2025/1040, li l-Greċja jenħtieġ li timpenja ruħha għall-implimentazzjoni tal-miżuri operazzjonali kollha stabbiliti fl-ERNIP. Il-Kummissjoni tistieden lil Greċja tindirizza din l-osservazzjoni b'rabta mal-adozzjoni tal-pjan ta' prestazzjoni finali tagħha f'konformità mal-Artikolu 16, il-punt (a), tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317.

Valutazzjoni tal-miri tal-kapaċità u rieżami tal-miżuri għall-kisba tagħhom

(21) Fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2025/1040, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-miri proposti tal-kosteffiċjenza *en route* inklużi fl-abbozz tal-pjan ta' prestazzjoni tal-Greċja mressaq fl-2024 ma kinux konsistenti mal-miri ta' prestazzjoni għall-Unjoni kollha. Il-Greċja pproponiet miri riveduti tal-kapaċità *en route* fl-abbozz rivedut tal-pjan ta' prestazzjoni tagħha.

(22) Il-miri riveduti tal-kapaċità *en route* proposti mill-Greċja għall-RP4, espressi f'minuti dewmien ta' ġestjoni tal-fluss tat-traffiku tal-ajru ("ATFM") għal kull titjira, kif ukoll il-valuri referenzjarji korrispondenti mill-Pjan Operattiv għan-Network, huma kif ġej:

Il-Greċja	**2025**	**2026**	**2027**	**2028**	**2029**
Miri riveduti fil-qasam ewlieni ta' prestazzjoni tal-kapaċità, espressi f'minuti ta' dewmien tal-ATFM għal kull titjira	**0,34**	**0,25**	**0,19**	**0,16**	**0,16**
Valuri referenzjarji	0,34	0,25	0,19	0,16	0,16

(23) Il-konsistenza tal-miri riveduti tal-kapaċità tal-Greċja ġiet ivvalutata abbażi tal-kriterju stabbilit fil-punt 1.3 tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317. Għaldaqstant, il-miri proposti tal-kapaċità tal-Greċja tqabblu mal-valuri referenzjarji rilevanti stabbiliti fil-Pjan Operattiv għan-Network, imfassal f'konformità mal-Artikolu 9 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/123 u disponibbli fiż-żmien tal-adozzjoni tal-miri ta' prestazzjoni għall-Unjoni kollha għall-RP4, jiġifieri fit-2 ta' Lulju 2024.

(24) Il-Kummissjoni tosserva li l-miri riveduti tal-kapaċità proposti mill-Greċja huma ugwali għall-valuri referenzjarji nazzjonali korrispondenti għal kull sena tal-RP4.

(25) F'konformità mal-punt 2.1(a) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, il-Kummissjoni kkomplementat il-valutazzjoni tagħha tal-abbozz rivedut tal-pjan ta' prestazzjoni tal-Greċja b'rieżami tal-miżuri għall-kisba tal-miri tal-kapaċità inklużi f'dak il-pjan.

(26) Fl-abbozz rivedut tal-pjan ta' prestazzjoni, il-Greċja ppreżentat miżuri biex jintlaħqu l-miri tal-kapaċità, b'mod partikolari fir-rigward tal-użu ta' sistema ġdida tal-ATM u t-taħriġ u r-reklutaġġ ta' kontrolluri tat-traffiku tal-ajru ("ATCOs") addizzjonali. Il-Kummissjoni tinnota li fl-abbozz rivedut tal-pjan ta' prestazzjoni tagħha, il-Greċja spjegat li inkludiet il-miżuri rilevanti kollha għall-ilħuq tal-miri tal-kapaċità tagħha tal-RP4 f'dak il-pjan. Madankollu, fl-opinjoni tiegħu dwar il-valutazzjoni tal-abbozz rivedut tal-pjan ta' prestazzjoni tal-Greċja, il-PRB qajjem dubji dwar jekk dawk il-miżuri ppreżentati mill-Greċja humiex biżżejjed biex jippermettu li l-miri ta' prestazzjoni tal-kapaċità jintlaħqu b'mod effettiv. Għalhekk, il-PRB indika li se jimmonitorja mill-qrib l-ilħuq tal-miri tal-kapaċità u l-implimentazzjoni f'waqtha u xierqa mill-Greċja tal-miżuri għat-titjib fil-kapaċità ppjanati għall-RP4.

(27) Il-Kummissjoni tinnota li fl-abbozz rivedut tal-pjan ta' prestazzjoni, il-Greċja stabbiliet indikatur ewlieni tal-prestazzjoni ("KPI") addizzjonali u miri ta' prestazzjoni addizzjonali assoċjati fil-qasam ewlieni ta' prestazzjoni tal-kapaċità, f'konformità mal-Artikoli 8(4) u 10(3) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/317. Dak il-KPI addizzjonali jikkonċerna l-kisba f'waqtha tal-istadji importanti għat-twettiq ta' ċerti investimenti ġodda f'assi fissi li huma kritiċi għall-fini tat-titjib tal-kapaċità tal-ispazju tal-ajru. Il-Greċja stabbiliet ukoll skema ta' inċentivi ta' natura finanzjarja, f'konformità mal-Artikolu 11(4) ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni, biex tappoġġa l-kisba tal-miri addizzjonali ta' prestazzjoni tal-kapaċità msemmija f'din il-premessa.

(28) B'referenza għall-premessa (27), il-Kummissjoni tqis b'mod pożittiv il-miri addizzjonali ta' prestazzjoni tal-kapaċità u l-iskema relatata ta' inċentivi finanzjarji stabbilita mill-Greċja fl-abbozz rivedut tal-pjan ta' prestazzjoni. Il-Kummissjoni tqis li l-inċentivi finanzjarji stabbiliti għall-fornitur tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru f'dan ir-rigward huma ġġustifikati u proporzjonati fid-dawl tal-kritikalità tal-implimentazzjoni b'mod f'waqtu u ordnat tal-investimenti relatati mal-kapaċità stabbiliti fl-abbozz rivedut tal-pjan ta' prestazzjoni.

(29) Kollox ma' kollox, abbażi tas-sejbiet stabbiliti fil-premessi (22) sa (28), il-Kummissjoni tqis li l-Greċja indirizzat b'mod adegwat ir-rakkomandazzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2025/1040 fir-rigward tar-reviżjoni tal-miri ta' prestazzjoni tal-kapaċità *en route* tagħha. Għalhekk, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-miri riveduti tal-kapaċità inklużi mill-Greċja fl-abbozz rivedut tal-pjan ta' prestazzjoni u msemmija fil-premessa (22) jenħtieġ li jitqiesu konsistenti mal-miri ta' prestazzjoni għall-Unjoni kollha għall-RP4.

(30) Madankollu, fid-dawl tal-osservazzjonijiet tal-PRB imsemmija fil-premessa (26), kif ukoll tan-nuqqas ta' twettiq tal-investimenti ppjanati inklużi fil-pjan ta' prestazzjoni tal-RP3 tal-Greċja kif imsemmi fil-premessa (87) tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/1040, il-Kummissjoni tqis li l-Greċja jenħtieġ li tistabbilixxi miżuri addizzjonali biex tilħaq il-miri tal-kapaċità *en route* tagħha għall-RP4. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tħeġġeġ lill-Greċja tħaffef l-implimentazzjoni tal-miżuri kollha għat-titjib tal-kapaċità diġà stabbiliti fl-abbozz rivedut tal-pjan ta' prestazzjoni u timmonitorja mill-qrib u regolarment l-implimentazzjoni f'waqtha ta' dawk il-miżuri. Il-Kummissjoni tqis li l-Greċja jenħtieġ li tindirizza, permezz ta' dan il-proċess ta' monitoraġġ, kwalunkwe riskju ta' dewmien fl-implimentazzjoni tal-miżuri għat-titjib tal-kapaċità stabbiliti fl-abbozz rivedut tal-pjan ta' prestazzjoni.

Rieżami tal-miri tal-kapaċità għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru fit-terminal

(31) F'konformità mal-punt 2.1(b) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, il-Kummissjoni rrieżaminat il-miri ta' prestazzjoni tal-kapaċità għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru fit-terminal stabbiliti fl-abbozz rivedut tal-pjan ta' prestazzjoni tal-Greċja rigward l-ajruporti msemmija fl-Artikoli 1(3) u (4) ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni. Instab li dawk il-miri ma jagħtux lok għal tħassib.

Valutazzjoni tal-miri tal-kosteffiċjenza

(32) Fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2025/1040, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-miri proposti tal-kosteffiċjenza *en route* inklużi fl-abbozz tal-pjan ta' prestazzjoni tal-Greċja mressaq fl-2024 ma kinux konsistenti mal-miri ta' prestazzjoni għall-Unjoni kollha. Il-Greċja pproponiet miri riveduti tal-kosteffiċjenza *en route* fl-abbozz rivedut tal-pjan ta' prestazzjoni tagħha.

(33) It-tabella ta' hawn taħt turi l-miri riveduti ta' prestazzjoni tal-kosteffiċjenza proposti mill-Greċja fl-abbozz rivedut tal-pjan ta' prestazzjoni.

Żona tal-imposti *en route* tal-Greċja	**Valur bażi tal-2019**	**Valur bażi tal-2024**	**2025**	**2026**	**2027**	**2028**	**2029**
Miri riveduti tal-kosteffiċjenza, espressi bħala kost unitarju ddeterminat (f'termini reali bil-prezzijiet tal-2022)	**26,93 EUR**	**22,28 EUR**	**22,99 EUR**	**22,10 EUR**	**21,57 EUR**	**23,38 EUR**	**24,14 EUR**

(34) Il-Kummissjoni tosserva li l-Greċja rrevediet il-miri tal-kosteffiċjenza lokali tagħha għal kull sena tal-RP4, li jirriżultaw, meta mqabbla mal-abbozz tal-pjan ta' prestazzjoni mressaq fl-2024, fi tnaqqis tal-kost unitarju ddeterminat ("DUC") għal kull sena tal-RP4. Barra minn hekk, il-Greċja aġġornat ukoll il-valuri bażi tad-DUC għas-snin 2019 u 2024. Il-Kummissjoni tinnota li r-reviżjoni mill-Greċja tal-valur bażi tagħha għall-2019 tindirizza s-sejba mqajma mill-Kummissjoni fil-premessa 92 tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2025/1040 dwar aġġustamenti mhux ġustifikati identifikati ta' dak il-valur bażi. Għalhekk, il-Kummissjoni tqis li l-valur bażi rivedut għall-2019 stabbilit fl-abbozz rivedut tal-pjan ta' prestazzjoni huwa kkalkulat b'mod korrett u ġġustifikat b'mod adegwat.

(35) It-tnaqqis tad-DUC imsemmi fil-premessa (34) jirriżulta prinċipalment mis-suppożizzjonijiet aġġornati tat-traffiku għall-RP4 applikati mill-Greċja f'konformità mat-tbassir bażi tat-traffiku ta' STATFOR tal-Eurocontrol ta' Frar 2025. L-għadd ta' unitajiet ta' servizzi *en route* previsti fl-abbozz rivedut tal-pjan ta' prestazzjoni għal kull sena tal-RP4 huwa ppreżentat fit-tabella ta' hawn taħt.

Żona tal-imposti *en route* tal-Greċja	**2025**	**2026**	**2027**	**2028**	**2029**
Tbassir aġġornat tat-traffiku, espress f'eluf ta' unitajiet ta' servizzi *en route*	**8 274**	**8 571**	**8 790**	**9 010**	**9 180**

(36) Il-kostijiet determinati riveduti tal-Greċja għall-RP4, espressi f'termini reali fil-prezzijiet tal-2022 ("EUR2022"), huma murija fit-tabella ta' hawn taħt.

Żona tal-imposti *en route* tal-Greċja	**2025**	**2026**	**2027**	**2028**	**2029**
Kostijiet iddeterminati riveduti maħsuba f'termini reali fil-prezzijiet tal-2022	**190 M EUR**	**189 M EUR**	**190 M EUR**	**211-il M EUR**	**222 M EUR**

(37) Il-Kummissjoni vvalutat il-konsistenza tal-miri riveduti tal-kosteffiċjenza proposti mill-Greċja abbażi tal-kriterji stabbiliti fil-punti 1.4(a), (b) u (c) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317.

(38) Rigward il-kriterju stabbilit fil-punt 1.4(a) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, il-Kummissjoni tosserva li x-xejra tad-DUC *en route* fil-livell taż-żona tal-imposti ta' + 1,6 % matul l-RP4 hija inqas mix-xejra mal-Unjoni kollha ta' – 1,2 % matul l-istess perjodu.

(39) Fir-rigward tal-kriterju stabbilit fil-punt 1.4(b) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, il-Kummissjoni tosserva li x-xejra fit-tul tad-DUC *en route* fil-livell taż-żona tal-imposti matul it-tielet perjodu referenzjarju u l-RP4 ta' – ,2 % tisboq ix-xejra fit-tul mal-Unjoni kollha ta' – 1,0 % matul l-istess perjodu.

(40) Fir-rigward tal-kriterju tal-valutazzjoni stabbilit fil-punt 1.4(c) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, il-Kummissjoni tosserva li l-valur bażi għad-DUC fil-livell taż-żona tal-imposti tal-Greċja ta' EUR 22,28 fl-EUR2022 hu 45,0 % inqas mill-valur bażi medju ta' EUR 40,54 fl-EUR2022 tal-grupp komparatur rilevanti stabbilit fl-Artikolu 7, il-punt (c), tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2024/1688.

(41) Kif deskritt fil-premessi (39) u (40), huwa ċar li x-xejra fit-tul tad-DUC tal-Greċja tisboq ix-xejra korrispondenti mal-Unjoni kollha u li l-valur bażi tal-Greċja għall-2024 huwa ferm aktar baxx mill-valur bażi medju tal-grupp komparatur rilevanti. Għaldaqstant, il-Kummissjoni tqis li d-devjazzjoni mix-xejra tad-DUC fit-tul mal-Unjoni kollha għall-RP4 msemmija fil-premessa (38) ma tipprekludix il-miri ta' prestazzjoni tal-kosteffiċjenza tal-Greċja milli jkunu konsistenti mal-miri ta' prestazzjoni tal-kosteffiċjenza għall-Unjoni kollha.

(42) Abbażi tas-sejbiet stabbiliti fil-premessi (33) sa (41), il-Kummissjoni tqis li l-Greċja indirizzat b'mod adegwat ir-rakkomandazzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2025/1040 fir-rigward tar-reviżjoni tal-miri ta' prestazzjoni tal-kosteffiċjenza lokali tagħha. Għalhekk, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-miri riveduti tal-kosteffiċjenza inklużi mill-Greċja fl-abbozz rivedut tal-pjan ta' prestazzjoni jenħtieġ li jitqiesu konsistenti mal-miri ta' prestazzjoni mal-Unjoni kollha għall-RP4.

Rieżami tal-miri tal-kosteffiċjenza għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru fit-terminal

(43) F'konformità mal-punt 2.1(c) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, il-Kummissjoni rrieżaminat il-miri ta' prestazzjoni tal-kosteffiċjenza għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru fit-terminal stabbiliti fl-abbozz rivedut tal-pjan ta' prestazzjoni tal-Greċja rigward l-ajruporti msemmija fl-Artikoli 1(3) u (4) ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni. Instab li dawk il-miri ma jagħtux lok għal tħassib.

KONKLUŻJONIJIET

(44) Fid-dawl ta' dak kollu li ntqal hawn fuq, il-Kummissjoni sabet li l-miri ta' prestazzjoni inklużi fl-abbozz rivedut tal-pjan ta' prestazzjoni tal-Greċja huma konsistenti mal-miri ta' prestazzjoni għall-Unjoni kollha għall-RP4,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-miri ta' prestazzjoni inklużi fl-abbozz rivedut tal-pjan ta' prestazzjoni mressaq mill-Greċja għar-raba' perjodu referenzjarju ("RP4"), elenkati fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni, huma konsistenti mal-miri ta' prestazzjoni għall-Unjoni kollha għall-RP4 stabbiliti fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2024/1688.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Ellenika.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' April 2026.

Għall-Kummissjoni
Apostolos TZITZIKOSTAS
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

Miri ta' prestazzjoni inklużi fl-abbozz rivedut tal-pjan ta' prestazzjoni mressaq mill-Greċja, li nstabu konsistenti mal-miri ta' prestazzjoni għall-Unjoni kollha għar-raba' perjodu referenzjarju

QASAM EWLIENI TA' PRESTAZZJONI TAS-SIKUREZZA

Effettività tal-ġestjoni tas-sikurezza

Il-Greċja	**Miri dwar l-effettività tal-ġestjoni ta' sikurezza, espressi bħala livell ta' implimentazzjoni**, li jvarjaw mil-livell A sa D tal-EASA					
Fornitur tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru kkonċernat	**Objettiv tal-ġestjoni tas-sikurezza**	**2025**	**2026**	**2027**	**2028**	**2029**
HASP	Politika u objettivi tas-sikurezza	C	C	C	C	**C**
	Ġestjoni tar-riskju għas-sikurezza	C	C	C	C	**D**
	Aċċertament tas-sikurezza	C	C	C	C	**C**
	Promozzjoni tas-sikurezza	C	C	C	C	**C**
	Kultura tas-sikurezza	C	C	C	C	**C**

QASAM EWLIENI TA' PRESTAZZJONI TAL-AMBJENT

Effiċjenza tat-titjir medja orizzontali *en route* tat-trajettorja reali

Il-Greċja	**2025**	**2026**	**2027**	**2028**	**2029**
Miri fil-qasam ewlieni ta' prestazzjoni tal-ambjent, espressi bħala l-effiċjenza tat-titjir medja orizzontali *en route* tat-trajettorja reali	**2,11 %**	**2,08 %**	**2,03 %**	**1,97 %**	**1,93 %**

QASAM EWLIENI TA' PRESTAZZJONI TAL-KAPAĊITÀ

Dewmien medju tal-ATFM *en route* f'minuti għal kull titjira

Il-Greċja	**2025**	**2026**	**2027**	**2028**	**2029**
Miri fil-qasam ewlieni ta' prestazzjoni tal-kapaċità, espressi f'minuti ta' dewmien tal-ATFM għal kull titjira	**0,34**	**0,25**	**0,19**	**0,16**	**0,16**

QASAM EWLIENI TA' PRESTAZZJONI TAL-KOSTEFFIĊJENZA

Kost unitarju ddeterminat għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru *en route*

Żona tal-imposti *en route* tal-Greċja	Valur bażi tal-2019	Valur bażi tal-2024	2025	2026	2027	2028	2029
Miri riveduti tal-kosteffiċjenza, espressi bħala kost unitarju ddeterminat *en route* (f'termini reali bil-prezzijiet tal-2022)	**26,93 EUR**	**22,28 EUR**	**22,99 EUR**	**22,10 EUR**	**21,57 EUR**	**23,38 EUR**	**24,14 EUR**